MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA / DIĊEMBRU 2023

## L-MCA TINTRODUĊI MIŻURI ĠODDA DWAR "KLAWŻOLI TA' INDIĊJAR TAL-PREZZIJIET FIL-KUNTRATTI TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI" LI GĦANDHOM JIĠU OSSERVATI MILL-OPERATURI

*L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA) tħabbar l-introduzzjoni ta' miżuri ġodda li jirregolaw il-klawżoli ta' indiċjar tal-prezzijiet fil-kuntratti tat-telekomunikazzjoni, li wħud minnhom isiru effettivi b'effett immedjat.*

**Introduzzjoni**

F'dawn l-aħħar xhur, diversi operaturi introduċew klawżoli f'kuntratti ta' abbonati li jippermettulhom jaġġustaw il-prezzijiet skont indiċi oġġettiv tal-prezzijiet għall-konsumatur ikkompilat minn istituzzjoni pubblika. Dawn il-klawżoli, imsejħa "indiċjar tal-prezzijiet", jirrestrinġu lill-konsumaturi milli jtemmu l-kuntratti mingħajr ma jħallsu penali meta jsir l-aġġustament fil-prezzijiet.

**Kuntest**

L-operaturi għandhom il-flessibbiltà li jimmodifikaw il-kundizzjonijiet kuntrattwali tal-kuntratti tal-konsumaturi, inkluża l-possibbiltà li jżidu l-prezzijiet, billi jagħtu lill-konsumaturi d-dritt li jtemmu l-kuntratti tagħhom mingħajr penali. Din il-kwistjoni kienet fiċ-ċentru ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, liema Qorti ddeterminat li l-aġġustamenti fil-prezzijiet li jirriżultaw mit-tħaddim ta' klawżola ta' indiċjar tal-prezzijiet li tinsab f'kuntratt, ma jikkostitwixxux modifika kuntrattwali li jobbliga lill-operaturi li jagħtu lill-konsumaturi id-dritt li jitterminaw mill-kuntratt tagħhom mingħajr penali.

**Kwistjonijiet Ewlenin**

Filwaqt li tesprimi tħassib serju, l-MCA tenfasizza:

• Nuqqas ta' għarfien tal-konsumatur dwar dawn il-klawsoli.

• Possibilità li konsumaturi ma jifhmux l-impatt li dawn il-klawsoli ser ikollhom fuqhom.

• Inċertezza dwar l-ispejjeż totali li konsumaturi jridu jħallsu matul il-perjodu tal-kuntratt.

• Diffikultajiet finanzjarji li konsumaturi jridu jaffaċċjaw meta jkun hemm żidiet imprevedibbli fil-prezzijiet.

• Diffikultà biex konsumaturi jqabblu it-tariffi tal-operaturi, li jista' jfixkel il-kompetizzjoni fis-suq.

**Konsultazzjoni Pubblika u Involviment tal-Partijiet Interessati**

Fil-25 ta' Awwissu 2023, l-MCA nediet konsultazzjoni pubblika dwar il-miżuri proposti għall-protezzjoni tal-konsumatur. Waslu sottomissjonijiet minn sitt partijiet interessati, fosthom, l-Għaqda tal-Konsumaturi Malta, il-Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur, l-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, EPIC Communications Limited, GO plc, u Melita Ltd.

**Avviż ta' Deċiżjoni**

Wara li kkunsidrat ir-rispons sottomess mill-partijiet interessati, l-MCA ppubblikat Avviż ta' Deċiżjoni fis-7 ta' Diċembru 2023, li jagħti mandat sabiex operaturi li joffru servizzi tal-internet, tat-TV, tal-mowbajl u tat-telefonija fissa jħarsu numru ta' obbligi ġodda.

Uħud minn dawn l-obbligi jinkludu:

• Tul massimu ta' kuntratti li jinkludu 'klawżoli ta' indiċjar tal-prezzijiet' għandu jkun limitat għal sitt (6) xhur, b'effett mit-8 ta' Jannar 2024.

• L-operaturi jistgħu joffru tariffi b'tul massimu kuntrattwali ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar, bil-kundizzjoni li dawn ma jinkludux "klawżoli ta' indiċjar tal-prezzijiet".

• L-operaturi jridu jiksbu kunsens espliċitu mill-konsumaturi qabel ma jikkonkludu kuntratti li jinkludu "klawżoli ta' indiċjar tal-prezzijiet," b'effett mit-8 ta' Marzu 2024.

• Obbligi addizzjonali ta' trasparenza għall-websajts li jippubbliċizzaw pjanijiet bi klawsoli ta' indiċjar tal-prezzijiet u l-kuntratti rispettivi, b'effett mit-8 ta' Marzu 2024.

**Fir-Rigward ta' Kuntratti Eżistenti**

L-MCA tindirizza kuntratti eżistenti li jinkludu klawżoli ta' indiċjar tal-prezzijiet (jiġifieri kuntratti konklużi qabel il-pubblikazzjoni u/jew id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni):

• Wara sitt (6) xhur mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt, il-konsumaturi għandhom id-dritt li jitterminaw kuntratti mingħajr ma jħallsu ebda penali jekk l-operatur jimplimentaw bidliet fil-prezzijiet abbażi ta' din il-klawsola tal-indiċjar.

• Filwaqt li minħabba raġunijiet regolatorji, din il-miżura ma ġietx introdotta biex tapplika ukoll f'każ ta' reviżjonijiet tal-prezzijiet minħabba klawżoli ta' indiċjar, li jsiru matul l-ewwel sitt (6) xhur mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt, l-MCA tħeġġeġ lill-operaturi biex joffru lill-konsumaturi l-għażla li jħassru kuntratti mingħajr penali f'każ ta' reviżjonijiet tal-prezzijiet li jsiru matul dan il-perjodu. L-Awtorità tqis li tali impenn volontarju mill-operaturi jkun konsistenti mal-objettiv li jiġu żgurati prattiki kuntrattwali ġusti u trasparenti fis-settur.

**Miżuri Estiżi għall-Protezzjoni tal-Konsumatur**

Il-miżuri ta' protezzjoni tal-konsumatur elenkati fl-Avviż dwar id-Deċiżjoni ġew estiżi biex ikopru wkoll negozji li huma mikrointrapriżi, intrapriżi żgħar, jew organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ sakemm dawn in-negozji ma jkunux qablu b'mod espliċitu li jirrinunzjaw għal dawn id-drittijiet kollha jew partijiet minnhom.

Għal informazzjoni dettaljata, jekk jogħġbok irreferi għall-Avviż sħiħ dwar id-Deċiżjoni fuq il-websajt tal-MCA.